MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru. 9/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Robert Grima, ta' 38 sena, iben Louis u Luiga nee' Grima, mwieled Rabat (Ghawdex) Malta, nhar id-9 ta' Lulju, 1970, residenti fil-fond Louises, Triq it-Torri, San Lawrenz, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 19070(G);**

**u**

**John Samuel Grima, ta' 32 sena, iben Louis u Luiga nee' Grima, mwieled Bundaberg Queensland, Australia, nhar is-17 ta' Gunju, 1976, residenti fil-fond Louises, Triq it-Torri, San Lawrenz, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 419391(M);**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Robert Grima u John Samuel Grima li gew akkuzati talli nhar id-19 ta' April 2008, u fix-xhur ta' qabel gewwa San Lawrenz, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex;

1) Talli: xjentement kellhom fil-pussess u/jew taht il-kontroll taghhom, u jew kif ukoll xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu fit-twarrib, depozt jew habi ta' *Airgun*, komplut bit-*telescope*, tal-marka Webly & Scott, Mudell: Webly Excel, Kalibru .22/5.5 mm bin-numru tas-Serje 833947, li l-importazzjoni u l-pussess tieghu huwa pprojbit u/jew ristrett, ghandu valur ta' €105.00, dazju xejn u dan bi ksur ta' l-artikli 60(b) (k), 62 (a) (f) (g) (h) (i) (k), ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) U talli: fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellhom fil-pussess taghhom l-imsemmi *Airgun* tal-marka Webly & Scott bin-numru tas-serje 833947 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Robert Grima wahdu:

3) Talli: fl-istess data, hin lok u cirkostanzi bhala persuna illi fismu ghandu rregistrata mal-Kummissarju tal-Pulizija l-arma tal-marka Stefano bin-numru tas-Serje A58935 naqas li jzomm fil-kostodja tieghu l-imsemmija arma b'tali mod li ma tigix f'idejn persuni ohra;

John Samuel Grima wahdu:

4) Talli: fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu l-arma tal-marka Stefano bin-numru tas-serje A58935, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu munizzjon, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tikkonfiska l-armi u l-munizzjon li gew esebiti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi ;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta’ Marzu 2009;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputati liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghthom zmien bizzejjed jirrikunsidraw l-istess;

Ikkunsidrat :

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputati, il-Qorti ma tistax hlief issibhom hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputati u l-fedina penali kwazi netta tal-imputati;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 60 (b) (k), 62 (a), (f), (g), (h), (i), (k), tal-Kapitolu 37 u Artikoli 3, 5, 47, 51 (2) (8) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom tliet (3) xhur prigunerija, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dana l-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum, kif ukoll tikkundanna lil kull wiehed mill-imputati ihallas multa ta’ seba’ mitt ewro (€700);

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor fil-perjodu operattiv ta’ dina s-sentenza ;

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-Air Rifle bin-numru 833947 favur il-Kontrallatur tad-Dwana u l-kumplament tad-dokument CD3 favur il-Gvern ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------